# Ir-rekording tal-marċi bil-vann tal-'O.B.' tar-rediffusion u aktar tard ta' Xandir Malta



## Illum - Nostalġija għad-dilettanti tal-baned

**Peter Pawl Ciantar**

Awwissu mhux biss ix-xahar ta' Santa Marija iżda wkoll ta' festi oħra bħal San Lawrenz, Sant'Elena, San Bert, San Gejtanu, Stella Maris u s-Salvatur. Insomma, ix-xahar ta' Awwissu huwa x-xahar tal-vaganzi u tax-*shut down* u l-aqwa xahar tal-festi.

U meta wieħed isemmi l-festi, isemmi l-baned. U hawn jidħlu l-marċi u llum nixtieq nirrakkonta l-esperjenzi sbieħ li kelli ta' dawn meta dak il-vann tal-'O.B.' *(Outside Broadcasting)* tar-Rediffusion u aktar tard ta' Xandir Malta kien jersaq lejn il-każin tal-banda biex minn hemm jirrekordja l-marċi l-ġodda tal-festa. Jiena persważ li ħafna mill-qarrejja tiftakruh.... kien vann kbir u goff, kollu ħadid, miżbugħ griż skur bil-kelma *Rediffusion* mal-ġenb. Aktar tard din tbiddlet għal Xandir Malta.

L-antiki tagħna, dilettanti tal-marċi, jiftakruha sewwa din ix-xena festiva u llum iħarsu lejha b'nostalġija. Fil-fatt huma ħafna dawk li jistaqsuni x'sar minnhom dawk ir-rekordings tal-marċi u dawk l-innijiet sbieħ bis-sopran, tenur, baritonu u kor... innijiet twal f'ġieħ il-qaddis jew qaddisa tal-lokal. 'Tħassru,' jiena dejjem ngħidilhom pront pront u b'ħasra, 'għax kif tista' żżomm dawk it-tapes kollha!'

Tafu u tiftakru intom kif kienu t-*tapes* fl-antik.... kbar, wisgħin u tqal. Ma nagħti tort lil ħadd għax biex iżżomm dawk it-tapes kollha trid aktar minn maħżen wieħed; u r-*Rediffusion* l-ispazju tiegħu kien limitat. Allura l-aħħar rekording iħassar lil ta' qablu.

Meta jiena kont nieħu ħsieb dan il-qasam tal-baned, kont tajt istruzzjonijiet biex għall-inqas dawk ir-rekordings tal-innijiet it-twal ma jitħassrux u nżommuhom fil-librerija tat-tapes. Kont inħoss għafsa ta' qalb kbira nara dik il-ħidma kbira u bandistika tisfuma fix-xejn. Aktar u aktar b'dawk il-vuċijiet solisti ta' dawk iż-żminijiet – bħal dik tas-sopran Hilda Tabone (li wara saret Mallia Tabone) u l-baxx Piju Zammit, żewġ vuċijiet tajba u sbieħ li għadhom jidwu f'widnejja. Magħhom, fil-parti l-kbira kien ikun hemm il-Kor tal-Ħamrun, kor b'numru sabiħ ta' tfajliet u ġuvintur immexxija minn Dun Ġużepp Cachia. Insomma, nostalġija sħiħa jew aħjar teżor mużikali u bandistiku li llum naħseb li ntilef. Qed ngħid naħseb li ntilef għax ma nafx x'ġara eżatt wara li tlaqt (jew tellquni!) minn Xandir Malta.




### Parti mill-festa

Insomma, il-ġurnata tar-rekording tal-marċi tal-festa għar-*Rediffusion* kienet tkun parti mill-festa, imniżżla

fil-programm ta' barra u l-każin kien bħal donnu jiddandan biha. Kien jipprepara għaliha bis-sħiħ, kemm mill-att mużikali (ħafna provi tal-marċi qabel u hawn naturalment jidħol ix-xogħol tas-surmast), kif ukoll tħejjija għall-post fejn ser isir ir-rekording. Aktarx li dan kien isir fil-każin, f'xi sala kbira jew barra għall-apert f'xi bitħa jew ġnien tal-każin. Iżda kien hemm ukoll xi baned (mhux ħafna) li f'dawk iż-żminijiet kienu jagħżlu xi sala kbira tat-tiġijiet jew l-iskola tal-gvern, jekk fil-każin tagħhom ma kienx ikollhom dak l-ispazju meħtieġ.

Il-festa ta' barra kienet tibda mir-rekording tal-marċi l-ġodda. Għar-rekording, il-bandisti kienu jattendu kollha. Is-surmast ma kienx jieħu pjaċir jara lil xi ħadd mill-bandisti nieqes. Għall-banda, din hija okkażjoni speċjali, għax ir-rekording ser jisimgħu kulħadd - ir-raħal kollu – għax dan ser jixxandar nhar il-festa (l-Ħadd) fis-sagħtejn ta' wara nofsinhar, fuq ir-*Rediffusion*.

Sakemm kienu jaslu tar-rekording, jiġifieri tal-'O.B.', is-surmast kien japprofitta ruħu minn din l-istennija u jgħaddi dawk il-passaġġi tal-marċi li jkunu joffru xi ftit tad-diffikultà. Naturalment kien jinsisti l-aktar għall-'pjanu' biex il-banda toħroġ l-effetti sbieħ mużikali. Min-naħa l-oħra, huwa kien ukoll javża lil dawk il-bandisti li fejn ma jkunux ċerti ma jdoqqux.

Is-surmast kien ukoll jintona l-banda, għalhekk kull mużiċist kien jintona sewwa l-istrument tiegħu. Insomma, serjetà kbira. Min- naħa l-oħra, tal-bar kien iforni l-ixkafef u l-friġġ bil-birra għax kien jaf li f'din l-okkażjoni se jkollu bejgħ ħafna aktar mis-soltu. Għall-*barman* donnu li għalxejn is-surmast kien javża biex kemm jista' jkun iżommu skiet perfett, għax iċ-ċekċik ta' fliexken u tazez tal-birra mill-bar kien jibqa' hemm, għalkemm xi ftit 'ikkontrollat'.

Aktarx li l-ġurnata tar-rekording kienet tkun l-Erbgħa, l-ewwel jum tat-tridu, biex b'hekk fil-festa l-każin ikollu attività x'joffri lill-membri tiegħu. Tinxtegħel il-faċċata tal-każin u malli jasal il-vann tal-'O.B.', l-għagħa ta' stennija jieqaf. 'Waslu tar-*Rediffusion,*' kulħadd kien jesklama. Minnufih jibdew il-preparazzjonijiet, b'ħeffa iżda b'ċertu galbu.

Il-ħaddiema tal-'O.B.' kienu jafu sewwa x'għandhom jagħmlu. Jitniżżlu l-istands u l-mikrofoni kbar u goffi, irkiekel ta' *wires*, u fl-aħħar il-magni tqal u kbar kollha ħadid għar-rekording. Kienu jitniżżlu żewġ magni għar-rekording biex jekk waħda tmur żmerċ, hemm l-oħra 'stand-by'. Magħhom naturalment it-tapes kbar għar-rekording, kemm jista' jkun tapes użati mill-inqas jew ġodda.

Dak iż-żmien Joe Vella kien responsabbli mill-'O.B.'. Miegħu kellu lil Nenu Marmarà, Charlie Cini u l-iżgħar fosthom Jimmy Gafà. Kienu kollha qishom aħwa, għax dejjem flimkien u dejjem jagħmlu l-istess xogħol. Naturalment dawn tal-'O.B.' ma kinux responsabbli biss mir-rekordings tal-baned iżda kienu wkoll responsabbli mix-xandiriet diretti li minn żmien għal ieħor kien jagħti r-*Rediffusion* u aktar tard Xandir Malta.

**Għall-okkażjoni tal-festa...**

Wara li jsiru l-preparazzjonijiet għar-*rekording*, Joe Vella kien jitlob lis-surmast jagħtih prova ħalli jirrekordja. Wara s-surmast imur jismagħha... u malli jgħidlu li kollox sewwa kien jibda r-*rekording*. Jiena wkoll kont nagħmel prova tal-vuċi għall-preżentazzjoni. Kien ikolli s-sekwenza u l-lista tal-marċi li s-segretarju tal-każin kien jgħaddili dak il-ħin stess, u malli kont ngħid 'Għall-okkażjoni tal-festa eċċ ... li tiġi ċċelebrata nhar il-Ħadd eċċ... ' kien jaqa' skiet perfett.

Ir-rekording kien jieħu siegħa preċiż u mhux aktar. Ġeneralment kien jibda bl-innu popolari tal-qaddis jew tal-qaddisa tal-lokal u jintemm bl-innu tal-banda. Mal-aħħar battuti tiegħu, il-partitarji kienu jinfexxu bil-goff f'ċapċip u għajjat kbir ta' 'Viva l-banda', tant li darba sa musketterija nħarqet warajja u addio '*closing announcement*'. Tgħidx kemm tlaqt niġri!

Insomma... kienu żminijiet sbieħ u llum ta' nostalġija, u li issa żgur qatt ma jista' jkollna bħalhom għax illum il-baned jirrekordjaw fl-*istudios* privati. Nammetti li llum bħala rekording, b'din it-teknoloġija diġitali tant avvanzata, huwa ħafna u ħafna aħjar.

Iżda donnu li l-ħoss tal-baned tal-irħula u l-ibliet tagħna sar qisu l-istess. Tisma' waħda qisek smajthom kollha; m'għadx għandhom dik il-karatteristika li tiddistingwi banda minn oħra. Taqblu? Għall-inqas din hija l-opinjoni tiegħi.

